**KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL**
**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt Tel: 21585888 - 1 / 2 / 3 / 4

---

9 Leġiżlatura

Minuti Numru 60

Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar

Lill-membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għall-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 60 li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar it-Tlieta 21 ta'Frar 2023, fil-5:30pm. Din il-laqgħa tista tiġi segwita permezz ta' metodu onlajn skont l-Artiklu 1 ta'Direttiva 7/2020 u Artiklu 2.3 ta' Ċirkolari 9/2020 maħruġa mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali fil-15 ta' Diċembru 2020.

Din il-laqgħa ser tixxandar live fuq l-internet u hi miftuħa għall-pubbliku.

Marico Sammut 14 ta'Frar, 2023
Segretarju Ezekuttiv

---

Membri Preżenti:

- Alfred Grima Sindku
- Mario Joseph Salerno Kunsillier
- Paul Bugeja Kunsillier
- Anthony Delia Kunsillier
- Antoinette Bezzina Kunsillier
- Christopher Vella Petroni Kunsillier
- Mary Borg Kunsillier
- Stephen Cremona Kunsillier
- Anthony Angelo Attard Kunsillier

Online

- Carlos Zarb Viċi Sindku
- Daryl Connor Kunsillier
- Alfred Bray Kunsillier
- Anne Marie Fenech Kunsillier

Il-laqgħa nfetħet mis-Sindku Alfred Grima fil-17.30.

**60.1 Qari ta' ittri ta' apoloġija**

Il-kunsill ma rċieva l-ebda nota ta'apoloġija.

**60.2 Kunsiderazzjoni ta' minuti -** *Laqgħa numru (58,59)*

Il-minuti laqgħa 58 u 59 ġew meħuda bħala moqrija
Is-Sindku Alfred Grima ressaq mozzjoni għal approvazzjoni tal-minuti 58 u 59 kif tressqu.
Il-Kunsillier Anthony Delia issekonda l-mozzjoni.
Il-minuti tal-laqgħa 58 u 59 ġew approvati nem.con.

**60.3 Punti mill-Minuti**

**Limbordin – Tqabbid mas-sistema ta' drenaġġ u distribuzzjoni ta' ilma għal bdiewa**

15/02/2023 inżammet laqgħa mar-residenti tal-Limbordin fid-dawl tal-proġett ta' distribuzzjoni ta' Ilma għal bdiewa. Konsegwenza ta' oġġezzjoni mressqa mill-residenti u l-bdiewa dwar il-ħtieġa li tingħalaq it-triq għal bosta jiem biex isiru x-xogħolijiet, il-laqgħa kellha tiġi posposta sakemm tinstab olternattiva. L-istess residenti ġew infurmati ukoll li r-rikjesta mressqa minhom biex il-propjeta tagħhom titqabbad mas-sistema ta' drenaġġ ma tistax tiġi milquha fil-preżent.

**Bus shelters**

F'imejl datata 1 ta' Frar 2023, il-kumpanija Faces infurmat li għadhom jistennew li jintlaħaq ftehim bejn l-AKL u Transport Malta.

**Sit f'Dawret il-Gżejjer - Mini Golf Bugibba**

L-art indikata ma tiffurmax parti miż-żona tal-latrini pubbliċi li qedin f'idejn il-kunsill.

**Xoljiment tal-Kumitat Konġunt**

Laqgħa (2) Reġjun Tramuntana – Ġie approvat ħlas ta'**€9,496.77** favur il-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar riżultat tax-xoljiment tal-Kumitat Konġunt. Finanzi, li kellhom jinġabru snin ilu.

**60.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

- **Tiswijiet ta' lampi tat-toroq**

  Bħala punt ta' informazzjoni ssemma, li l-maġġorparti tal-bozoz tat-toroq qedin jinbidlu għal-LED's. Bil-konsegwenza li l-ispiża għall-kunsill qeda tkun ferm għola.

- **Festa Familja Burmarrad**

  Il-Kummissjoni Festa Burmarrad ressqet rikjesta biex il-kunsill jikkollobora magħhom biex tittella Festa Familja. Il-kunsill approva nem.com li l-attivita tittella bil-kolloborazzjoni tal-kunsill u li jagħmel €1,500 baġit disponibbli.

- **Każ Dimbros**

  27/01/2023 – Il-każ tkompla billi tela jixhed is-Sindku Alfred Grima wara li fis-seduta ta' qabel kien xehed is-Seg.Eżekuttiv Marico Sammut.
  20/02/2023 – L-ex Sindku Ray Tabone ta' x-xhieda tiegħu.
  Il-każ ġie deferit għat-22 ta' Marzu, 2023.

- **Pellegrinaġġ minn San Ġiljan għall-Mellieħa**

  Il-kunsill approva r-rotta tal-pellegrinaġġ li tagħddi minn Bumarrad direzzjoni għax-Xemxija nhar il-Ħadd 26 ta' Marzu 2023.

- **Kuntratt bir-Riferenza Numru T/03/2018 – Waste Collection LTD**

  Il-kumpanija Waste Collection LTD bagħtet ittra uffiċċjali biex il-kunsill jagħmel tajjeb finanzjarjament kaġun li l-kuntratt tagħhom twaqqaf xagħrejn qabel iż-żmien kaġun ta' bidla fl-iskema tal-ġbir ta' lis-skart fil-pajjiż.

  Wara li nżammet laqgħa kif issuġġerit li jsir mid-DLG, il-kumpanija Waste Collection Ltd nfurmat li lesta taċċetta kumpens ta' xhar servizz minflok ta' xagħrejn, bl-ammont ta'totali jkun €29,500 vat inkluża. Is-Sindku nforma li hu kieteb lid-Dipartiment Gvern Lokali sabiex dawn il-ħlassijiet jiġu kkumpensati b'xi mod lill-kunsill.

- **Solidarjeta mall-vittmi tat-terrimot fit-Turkija u s-Sirja**

  Il-kunsill irringrazzja lir-residenti u lil lis-skejjel San Anton, San Andrea, Kulleġġ Marija Reġina, Qawra u Kulleġġ Marija Reġina,San Pawl, għal appoġġ li taw biex mill-lokalita' inġabru 9 vannijiet mimlijin b'oġġetti ta' kwalita' għall-vittmi tat-terrimot. Ġie maqbul li tintbagħt korrispondenza ta' ringrazzjament lis-Sinj.Vella Petroni u lil iskejjel.

- **Community Greening Grant**

  20 ta' Frar 2023 – Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv żammew laqgħa ma Projects Green Agency. Din il-laqgħa servit bħala skambju ta' informazzjoni għaż-żewġ naħat dwar il-proġetti tal-kunsill u biex tinkiseb informazzjoni dwar skemi. Ħareġ li l-aġenzija stiednet lilll-Universita biex joħorġu brief ta' x'jaħsbu li jista jsir fuq l-art ta' Triq Port Ruman.

  Il-kunsill approva nem.com biex jissottometti ż-żewġ applikazzjonijiet bil-proġetti ta' l-Erba Imwieżeb u ta' Ġnien Olimpiku għal l-iskema li tagħlaq fit-28 ta' Frar, 2023.
  Approva ukoll, li l-proġett propost ta' parkeġġ taħt l-art, bus terminal u grawnds multi-funzjonali b'ħafna siġar ta'Triq il-Port Ruman, Qawra għandu jiġi ssottomess lil Project Green Agency bħala l-proġett prinċipali.

  Il-mozzjoni tressqet mis-Sindku Alfred Grima u ssekondata mill-Kunsillier Paul Bugeja.

  Re-proġett propost biex parti minn Triq il-Korp tal-Pijunieri issir żona pedonali b'parkeġġ taħt il-livell tat-triq, il-kunsill qabel fil-prinċipju. Biss ġie deċiż, li l-ewwel għandu jiġi ppreżentat traffic management report biex wieħed jara x'impatt jista' jħalli dak propost fuq il-lokalita'.

  Il-proġett tressaq fid-dawl tal-ħsara estensiva fil-ħajt pediment ta' Triq il-Bardnell u riżultat tal-fatt li t-triq inkwistjoni hi pjanata li tinbena mill-ġdid fl-2025.

- **Laqgħa ma Infrastruttura Malta**

  25/01/2023 – Is-Sindku Alfred Grima u l-Kunsillier Daryl Connor żammew laqgħa ma Infrastruttura Malta dwar il-programm ta' bini ta' toroq ġodda. Infrastruttura Malta issuġġerew, li jsir xi tip ta' embelishment fil-parkeġġ eżistenti ta' Triq il-Klamari.

Il-kunsill laqgħa pożittivament is-suġġeriment ta' IM. Approva, li titressaq rikjesta biex isir parkeġġ taħt wiċċ it-triq u mina li tikkonnettja l-parkeġġ max-xatt li tiffaċilita aktar biex wieħed jaqsam għal baħar. Fil-livell tat-triq huwa propost li jiġi kkreat spazju miftuħ ġdid. Dan il-ħsieb jimxi pari passu ma proposta 962 tal-Manifest Elettorali tal-Gvern.

- **Mixjiet fil-Kampanja - Hiking**

  Il-kunsill approva li darba fix-xagħar, possibilment il-Ħadd, jibdew jiġu organiżżati hikes fil-kampanja u li jinxtraw goody bags li jinkludu ilma, sandwich u frotta għal kull parteċipant. Meta l-mixja tkun organiżżata lejn lokalita'oħra l-kunsill jagħmel tajjeb għat-trasport.

- **Ħarġa għall-anzjani Marzu 2023**

  Is-Sindku nforma li l-ħarġa għall-anzjani ta' Marzu se jsir bil-kolloborazzjoni ta' l-Akkwarjum Nazzjonali, li dawn qablu li jagħmlu tajjeb għall-prezz tad-dħul u snack ta' 50 persuna. Il-kunsill irringrazzja lid-diriġenti ta' l-Akkwarjum Nazzjonali għal dan il-ġest.

**60.5 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Ma tressqet l-ebda mistoqsija mill-kunsilliera.

**60.6 Rapporti / jew Approvazzjonijiet ta' Rapporti**

*60.6.1 Financial Statements 31/12/2022*

*60.6.2 Quater 4 Report 1/10/2022- 31/12/2022*

Is-Sindku stieden lill-Accountant biex tispjega l-Financial Statements 31/12/2022 u l-Quater 4 Report 1/10/2022- 31/12/2022.

Ressaq għall-approvazzjoni tal-kunsill iż-żewġ rapporti.
Issekonda l-mozzjoni l-Kunsillier Paul Bugeja. Il-kunsill approva nem.con

**60.7 Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv**

Il-kunsill approva li għal darba oħra joħroġ sejħa għall-ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv skont Artiklu 50 tal-Att dwar Gvern Lokali minħabba l-fatt li minkejja li nħarġu diversi sejħiet ħadd ma applika.

**60.8 Pulizija tal-Komunita**

Il-kunsill approva nem.con mozzjoni mressqa mis-Sindku Alfred Grima biex jinxtraw 3 E-Pedaleccx Bikes għal prezz ta' €5,700 eskluż il-Vat għal-użu tal-pulizija tal-Komunita fil-lokalita'ta' San Pawl il-Baħar. Il-kunsillier Paul Bugeja issekonda l-mozzjoni.
Il-kunsill approva nem.con

**60.9 Ħruġ ta' sejħiet pubbliċi (Tenders)**

**Servizz ta' Accountant**

Il-kunsill approva nem.con mozzjoni mressqa mis-Sindku Alfred Grima biex tinħareġ sejħa pubblika għal xiri ta' servizz ta' Accountant. Il-kunsillier Anthony Delia issekonda l-mozzjoni.

**Tender SPBT/03/2022 Services Collection of Bulky**

Intefaw 6 offerti li teknikament kienu kollha korretti.
Il-Bord ta' l-Aġġudikazzjoni irrakomanda li l-kuntratt jingħata lill-kumpanija bl-inizzjali M.R.W. Ltd li kellha l-irħas prezz għal €88,000 eskluż il-Vat.
Il-kunsill approva nem.con ir-rakomandazzjoni tal-Bord f'mozzjoni mressqa mis-Sindku Alfred Grima u ssekondata mill-Kunsillier Cremona

**Tender SPBT/04/2022 Upkeep of Soft Areas**

Intefaw 4 offerti fejn offerta minhom ma kinietx teknikament korretta.
Il-Bord ta' l-Aġġudikazzjoni irrakomanda li l-kuntratt jingħata lill-kumpanija bl-inizzjali M.T.G li kellha l-irħas prezz għal €89,481 eskluż il-Vat.
Il-kunsill approva nem.con ir-rakomandazzjoni tal-Bord f'mozzjoni mressqa mis-Sindku Alfred Grima u ssekondata mill-Kunsillier Antoinet Bezzina.

**Tender Manutenzjoni Dwal ta' Toroq**

Il-kunsill approva nem.con mozzjoni mressqa mis-Sindku Alfred Grima biex il-kunsill jibqa juża l-istess tender li se jinħareġ mir-Reġjun Tramuntana permezz ta' sejħa pubblika għal xiri ta' servizz ta' manutenzjoni tad-dawl tat-toroq. Il-Kunsillier Mary Borg ssekonda l-mozzjoni.

**60.10 Parkeġġ skola Qawra**

Konsegwenza ta' bdil fis-sistema u burokrazzija żejda, il-kunsill ma setax idaħħal l-applikazzjoni tal-bye-law qabel jiġu approvati l-minuti li fihom ġiet diskussa l-istess bye-law. Din se tintbagħat immedjatament wara li jiġu approvati fil-laqgħa ta' llum.

Is-Sindku nforma, li fil-21 ta' Frar, 2023 huwa bagħt email dwar il-fatt li l-parkeġġ għereq bl-ilma tax-xita fl-uniku darba li l-kunsill ipprova jutiliżżah, nhar il-Ħamis 9 ta' Frar,2023. Staqsa, Dwar x'kienu x-xogħolijiet li twettqu biex jipprevenu ċirkostanzi simili milli jerġaw jiġru fiż-żmien li ġej u li l-lift għadu mitfi u mhux ikkummissjonat lill-kunsill.

**60.11 Affarjiet Oħra**

**Performance Bonus - Ex Deputat Agent Segretarju Eekuttiv E.S**

Il-Kunsill approva nem.con li l-ex Segretarju Eżekuttiv b'inizzjali E.S tingħat full performance bonus, kif irrakomanda s-Sindku. Il-mozzjoni ġiet imressqa mill-Kunsillier Paul Bugeja u ssekondata mill-Viċi Sindku Carlos Zarb.

**PA/0529/23** Santa Margerita, Triq tal-Hmieri, Ta' Ghajn Rihana,ODZ
*Demolition of existing property and construction of house with basement and swimming pool.*

Il-Kunsill qabel li jissottometti rappreżentazzjoni fejn qed joġġezzjona għal applikazzjoni PA/0529/23 għall-fatt li l-iżvilupp propost qiegħed fuq art ODZ u kemm il-darba is-sid ma huwiex biedwi full time. Joġġezzjona ukoll jekk il-foot print tal-bini tiżdid.

**Ħajt imġarraf fi Triq San Ġorġ.**

9 ta' Mejju 2022, il-kunsill kieteb lis-sid tal-Ginger Farm fi triq San Ġorġ dwar l-istat perikoluż li jinsab fiħ il-ħajt tar-razzet tiegħu. Bħala risposta, l-Avukat P.Valentino irrisponda b'ittra uffiċċjali nhar l-24 ta' Jannar 2023, għan-nom tas-sid. Permezz tagħha nterpella lill-kunsill biex jagħmel xogħolijiet ta' rimedju, minħabba l-fatt li l-ħajt inkwistjoni skond hu kien inbena snin ilu minn entitajiet tal-gvern.

15 ta' Frar, 2023, l-Avukat David Bonello irrisponda f'isem il-kunsill fejn interpella lis-sid biex minnufiħ ineħħi kull perikolu miż-żona. Fl-istess jum irrisponda ukoll lil waħda miż-żewġ sidien ta' vetturi li ġarbu ħsarat konsiderevoli fl-aċċident. 21 ta' Frar, 2023, il-kunsill bagħt notifika dwar il-każ lill-insurance tal-kunsill. Kopji tal-korrispondenza kollha tpoġġit fuq il-mejda tal-kunsill.

**Bye-Law riklamar fuq Għamara tat-Triq**

Il-Kunsill approva li b'rispett lejn ir-regolamenti maħruġa minn TM u l-bye-law dwar riklamar fuq għamara tat-triq, isiru sa massimu ta' 80 riklam/avviżż madwar il-lokalita' b'kolloborazzjoni bejn l-Akkwarju Nazzjonali, Qawra u l-kunsill bil-kundizzjonijiet segwenti;

Li l-lokazzjoni magħżula għadha tiġi ndikata fuq site plan u approvata mill-kunsill.
Li l-ftehim ikopri riklam b'qis ta' mhux aktar minn metru kwadru.
Li ma jsirux riklami quddiem ħwienet oħra li joffru l-istess servizz u/jew prodott.
Li l-istruttura kollha meħtieġa ssir għas-spejjeż ta'l-istess kumpanija.
Li l-istess struttura tinżamm kontinwament f'kundizzjoni tajba.
Li kull kitba u/jew disinn tiġi għal approvazzjoni tal-kunsill.
Li l-perjodu tal-ftehim hu ta'sena li jibqa' jiġġedded sa 5 snin mid-data ta' twaħħil ta' l-avviżi.
Li dan il-ftehim ma jxekkel xejn milli l-kunsill jawtoriżża avviżi/riklamar oħra fil-lokalita'.
Li l-Akkwarju Nazzjonali iħallsu €6,000 fis-sena.
Xejn ma jżomm lill-kunsill li jagħmel rikjesta biex riklam/avviżż jitressaq mill-lokazzjoni tiegħu

**Latrina pubblika Xemxija**

Il-persuna li tiħu ħsieb il-latrina pubblika tax-Xemxija, allegat, li qed iseħħ abbuż relatat ma sess bejn irġiel. Ressqet rikjesta biex jitwaħħlu diviżorji bejn il-pixxaturi.

Il-Kunsill qabel li għandu dejjem isir rapport formali mal-pulizija. Approva li jiġu nstallati d-diviżorji meħtieġa għall-prezz ta' €410 vat inkluż.

**Kulleġġ Maria Reġina, San Pawl u Qawra**

Il-Kunsill approva baġit sa massimu ta'€600 għal kull Kulleġġ biex jintużaw għall-ħtiġijiet tagħhom fejn il-proċeduri finanzjarji tax-xiri stabbiliti għandhom jiġu segwiti.

**60.12 Approvazzjoni ta' kontijiet u xiri ta' oġġetti/servizz.**

**Data Protection Officer**

Ġie approvat li tinħareġ sejħa pubblika mill-kunsill u/jew minn xi entita li jinteressa, għal xiri ta' servizz ta' Data Protection Officer. Il-mozzjoni ġiet imressqa mis-Sindku Alfred Grima u ssekondata mill-Kunsillier Anthony Attard

**60.13 Approvazzjoni ta' l-Iskeda tal-pagamenti numru 2**

Il-Kunsilliera Antoinette Bezzina u Kunsillier Anthony Attard ipproponew u s-sekondaw rispettivament l-iskeda tal-pagamenti. L-iskeda 2 ġiet approvata mill-kunsill nem.con.

**60.14 Aġġornament għall-laqgħa li jmiss**

Il-laqgħa ġiet fi tmiema fit-19.45 hrs u aġġornata għat-Tlieta 28 ta' Marzu 2023 fil-17.30 hrs.

**Approvati fit-28 ta' Marzu, 2023**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ______________________ | ______________________ |
| Alfred Grima | Marico Sammut |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |